TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIŻJONI NRU. 100

KAŻ NRU. 132

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Is-Sur Nicholas Cauchi
u
Eden Beach Hotel
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 24 ta' Settembru 1981

Chairman : Valhmor Borg

Dan il-kaz gie riferiet lil dan it-Tribunal fl-20 ta' Mejju 1981, mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976.

Is-Sur Nicholas Cauchi kien kiteb lill-Ministru li huwa kien gie mkecci ingustament mill-impieg tieghu mal-Eden Beach Hotel.

2. Il-Partijiet

Is-Sur Nicholas Cauchi kien assistit mis-Sur John Camilleri filwaqt li ghall-Eden Beach Hotel dehru s-Sur Anthony Buttigieg, Deputy Manager u s-Sur Ian Decesare, Managing Director.

3. Seduti

It-Tribunal zamm hames seduti.

4. Statement tal-kaz tas-Sur Nicholas Cauchi

Is-Sur Nicholas Cauchi ssottometta li hu kien impjegat bhala "Dishwasher" ma l-Eden Beach Hotel mill-10 ta' Settembru 1980 u tkecca mill-impieg fil-25 ta' Marzu 1981.

/2. .....

Li skond ic-Certifikat tal-impieg, ir-raguni ghaliex Nicholas Cauchi tkecca, kienet bhala "disciplinary action" u li mac-certifikat kien hemm mehmuz ukoll "previous written warning."

Li Nicholas Cauchi kien jahdem fuq roster tax-xoghol li jibdew mis-7.00 a.m. u jispiccaw fl-4.00 p.m. kuljum.

Li l-Management, specjalment is-Sur Theuma, u l-Head Chef issuspetta li Cauchi kien qed jiehu "sick leave" bla bzonn.

Li f'daqqa wahda, bhala mizura ta' dixxiplina kontra Cauchi l-Head Chef biddel ir-roster tax-xoghol u ntroduca "split-shift" li tibda tahdem mis-7.00 a.m. sa nofs in-nhar u mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m. kuljum, u li dawn il-hinijiet joholqu tbatija u m'ghandhomx isehhu jekk mhux assolutament necessarji.

Li Nicholas Cauchi deherlu li ghandu jipprotesta dwar il-hinijiet, specjalment meta kien jaf li diga hemm haddiema ohra jahdmu fil-ghaxija u ghalhekk is-servizzi tieghu ma kienux daqshekk mehtiega f'dawk il-hinijiet partikolari, u minkejja l-protesta tieghu il-Head Chef ried idahhal dawk il-hinijiet bil-fors.

Li l-Management ghandu forsi l-prerogattiva li jintroduci l-hinijiet li jrid hu, anki jekk dawn ikunu ngusti, izda l-ebda persuna tal-Management m'ghandha d-dritt tinsulta lill-haddiema taghha biex imbaghad meta ssir rejazzjoni tittiehed azzjoni dixxiplinarja.

Li s-Sur Theuma, il-Head Chef insulta b'mod goff lil Nicholas Cauchi u meta dan irreagixxa bl-istess ton, gie mitfugh il-barra.

/3. .....

Li waqt l-incident kien hemm prezenti s-Sur Anthony Buttigieg, id-Deputy Manager li xtaq li l-incident jigi rrangat u Nicholas Cauchi jkompli x-xoghol tieghu, izda li s-Sur Theuma insista li t-tkeccija ssehh.

Li l-warning li harget il-Kumpanija tas-16 ta' Marzu 1981, u bla effett ghaliex ic-certifikati ta' mard inhargu minn tobba jew privati jew tal-kumpanija stess.

Li minhabba r-ragunijiet migjuba, is-Sur Cauchi ssottometta lit-Tribunal

(a) jiddikjara li t-tkeccija ta' Nicholas Cauchi mill-impieg tieghu kienet wahda ngusta,

(b) jordna li Nicholas Cauchi jinghata lura l-impieg li kellu,

(c) jiffissa somma ta' flus bhala kumpens ghat-telf ta' paga u bonus mitlufa matul il-perijodu li ma hadimx.

5. **Statement of Case tal-Eden Beach Hotel**

**Is-Sur A. Buttigieg**, Deputy Manager, issottometta :

Li Nicholas Cauchi rraporta li kien marid u ma marx ghax-xoghol il-Hadd 22, it-Tnejn 23, u t-Tlieta 24 ta' Marzu 1981.

Li t-Tlieta 24 ta' Marzu hu Nicholas Cauchi cempel darbtejn lill-kumpanija fuq il-post tax-xoghol biex jistaqsi x'hin kellu jidhol ghax-xoghol Nicholas Cauchi l-ghada, skond ir-roster, u li s-Sur Anthony Theuma il-Head Chef irrisponda mit-8.00 a.m. sa nofs in-nhar u mis-6.00 p.m. sa 10.00 p.m.

/4. .....

Li Nhar l-Erbgha, 25 ta' Marzu 1981, Nicholas Cauchi, ippancja fil-6.38 a.m. u flok ma mexa skond ir-roster, li tkun imwahhla fil-kcina, iddecieda minn rajh li ma jahdimx "split shift" kif mitlub ghal dik inhar, u li dwaru kien avzat qabel. Huwa beda jgerger mad-duty Manager, is-Sur Frans Grech, li ma riedx jahdem "split shift" imma mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m.

Li x'hin sar nofs in-nhar, il-hin li Nicholas Cauchi suppost telaq minn fuq ix-xoghol biex jerga' jidhol fis-6.00 p.m., huwa waqaf mix-xoghol izda baqa' fil-lukanda.

Li, meta s-Sur Anthony Theuma dahal ghax-xoghol fil-12.30p.m. u staqsa lil Nicholas Cauchi x'kien qieghed jaghmel hemm, dan irrispondih li ma riedx jahdem split shift.

Li meta s-Sur Anthony **Buttigieg**, id-Deputy Manager dahal ghax-xoghol fis-2.00 pm u s-Sur Frans Grech irrapurtalu l-kaz, sejjah lil Nicholas Cauchi fl-ufficcju tieghu, fejn dan qallu li ma riedx jahdem split shift, u li suppost li kellu jahdem mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. dak inhar ghaliex hekk kienet ir-roster qabel ma marad, jigifieri hamest ijiem qabel.

Li s-Sur Buttigieg, spjega lil Nicholas Cauchi li meta dan hareg bis-sick leave minn nhar il-Hadd, il-Head Chef kellu jibdel **il**-hinijiet tad-dishwashers biex jista' jkompli ghaddej bl-efficjenza tas-soltu specjalment waqt id-dinner, l-aktar hin tax-xoghol, u qallu li kien jaf tajjeb li din ma kienetx xi haga gdida, jew li saret ghal dak il-jum biss, imma li hi haga normali li ssir f' kull dipartiment tal-lukanda, skond il-htiega.

Li sadanittant dahal fl-ufficcju s-Sur Theuma, u Nicholas Cauchi beda jghid hafna diskors ta' disprezz fuqu, fil-presenza tas-Sur Buttigieg u s-Sur Grech.

/5. .....

Li s- Sur Buttigieg, ghal hafna drabi staqsa lil Cauchi kienx lest li jahdem skond ir-roster kif kien avzat u dan baqa' jsostni li ma riedx.

Li s-Sur Bittigieg avzah biex ma jkompliex b'dak l-atteggjament tieghu u biex irazzan ilsienu u li ma kienx f'posizzjoni li jaccetta dak li kien irid Cauchi kapriccjosament aktar u aktar meta kellu r-responsabilta' ta' 60 impjegat u kellu jimxi b'imparzjalita' u ma johloqx precedenti.

Li wara li ghadda xi hin, Nicholas Cauchi baqa' jsostni li ma riedx jahdem split shift, li beda jitkellem hazin u jidghi u minaccja li l-Head Chef li jsibu barra. Ukoll qal lil Head Chef "who wants to work with you anyway, you can't cook an egg, you're no chef". F'dan il-hin is-Sur Buttigieg qal lil Cauchi biex jitlaq il-barra mill-ufficcju tieghu ghax ma kienx lest li jittollera kliem hazin u pastas.

Li Nicholas Cauchi baqa' sejjer jghid hafna diskors u f' daqqa wahda qabad u hareg il-barra mill-bieb principali tal-lukanda u ma marx ghax-xoghol aktar. Cauchi ippancja l-barra fis-13.44 p.m.

Li Nicholas Cauchi ma kienx isegwi l-hinijiet tax-xoghol skond ir-roster u ghalkemm kellu warning dwar dan fis-16 ta' Marzu bil-miktub hu xorta baqa' jidhol ghax-xoghol fil-hinijiet li deherlu hu. Lista ta' din hija mehmuza mas-sottomissjonijiet.

Li s-Sur Buttigieg kien irrimarka lil Cauchi li recentement kien qieghed ikun "sick" spiss, specjalment fil-"week-ends", u Cauchi rrisponda li kulhadd jippreferi li jkollu xi gurnata off fil-week ends, u li l-Head Chef ma kienx jaghtih granet "off" fil-week ends. Dan, is-Sur Buttigieg ikkontestah, u hemez ukoll mas-sottomissjoni, kopji tar-rosters u "punch cards".

Li fil-15 ta' Marzu, 1981 (il-Hadd) Cauchi ma dahalx ghax-xoghol minghajr ma avza u minghajr ma ha certifikat tat-tabib u li l-Kumpanija qatt ma naqsitlu mill-paga talli kien jidhol tard jew jitlaq qabel il-hin.

Li Cauchi kien avzat kemm-il darba biex ma jmurx ghax-xoghol fil-kcina bi hwejjeg mahmugin, izda dan qatt ma ta kaz.

Li fil-fatt, ic-"Certificate of Termination" li gie moghti lid-Dipartiment tax-Xoghol, fejn jinghat li r-raguni li tkecca Cauchi kienet "Disciplinary action" mhux korretta minhabba l-fatt li l-impjegat li mela dan ic-certifikat ma kienx intiz mall-fatti tal-kaz partikolari.

Li, fir-rejalta', Nicholas Cauchi telaq minn rajh u fl-ebda mument ma kien imkecci minn fuq il-post tax-xoghol u li kien huwa li rrifjuta li jahdem skond ir-roster.
Li meta l-labour office gibdu l-attenzjoni ghal dan il-punt rigward it-tkeccija ghall-ragunijiet ta' "disciplinary action", is-Sur Buttigieg mill-ewwel informa lid-dipartiment li c-certifikat kien maghmul hazin.

6. <u>Xhieda</u>

Billi Nicholas Cauchi, li ghamel parti mit-trobbija tieghu barra minn Malta, ipprefera jaghti x-xhieda tieghu bl-ingliz, ir-rapprezentant tieghu, is-Sur John Camilleri, accetta li hu stess jaghmilha ta' interpretu lis-Sur Cauchi, fejn kien hemm xi punt bil-Malti li dan ma kienx jifhmu sew.

/7. .....

Instemghu dawn ix-xhieda :

Mr Nicholas Cauchi, Mr John Buttigieg, Mr A. Theuma, Mr Ian Decesare, Mr Henry Moran.

<u>Xhieda fil-qosor</u>

7. <u>Is-Sur Nicholas Cauchi xehed</u>

a) Kien marid, il-Hadd 22 ta' Marzu, it-Tnejn 23 ta' Marzu u t-Tlieta 24 ta' Marzu, 1981.

b) Qabel ma marad kien jaf li skond ir-roster, l-Erbgha 25 ta' Marzu kien imissu jahdem shift mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m.

c) Nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu huwa rceva messagg minn ghand huh li l-ghada kellu jidhol bi split shift, mit-8.00 a.m. sa nofs in-nhar u mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m.

d) Ma deherlux li r-roster kellu jinbidel u ghalhekk minn rajh dahal biex jibda jahdem fis-7.00 a.m. sal-4.00p.m.

e) Kien jaf li jekk xi hadd jimrad jew jiehu l-leave, ir-roster jista' jinbidel

f) Meta, wara nofs inhar, dahal il-Head Chef, is-Sur Theuma, u dan qallu li hu kien imissu jahdem fuq li split shift, hu li suppost kellu jitlaq f'nofs in-nhar biex jidhol fis-6.00p.m. sal-10.00 p.m. dawn kellhom xi jghidu u marru l-ufficcju tas-Sur Grech li rraporta l-kaz lis-Sur Buttigieg.

g) Hawnhekk qam argument shun, fejn Cauchi qal li hu ma jridx jahdem fil-kcina mal-Head Chef izda jrid jahdem fil-lukanda.

h) Cauchi jissostjeni li hu ma giex inkecci mis-Sur Buttigieg id-Deputy Manager, u l-anqas mis-Sur Grech, id-Duty Manager, izda l-Head Chef li qallu li ma jridux fil-kcina.

/8. .....

i) Huwa hareg mill-lukanda f'xis-2.00 p.m.

8. <u>Is-Sur A. Buttigieg, Deputy Manager, xehed</u>

a) Li l-Erbgha, 25 ta' Marzu hu dahal ghax-xoghol ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar, meta s-Sur Grech, id-duty Manager qallu bil-problema li Cauchi ma riedx jahdem skond ir-roster.

b) Sejjah lil Nicholas Cauchi u fil-presenza tas-Sur Grech, u s-Sur Theuma ghalkemm il-darba staqsa lil Cauchi biex jidhol ghax-xoghol skond ir-roster, u dan irrifjuta.

c) Li hija procedura normali fil-lukanda li meta xi hadd jimrad ir-roster tax-xoghol jigi mibdul skond il-htiega tal-lukanda.

d) Li ma sema' lil hadd jghid lil Cauchi li x-xoghol tieghu mal-lukanda gie terminat. Il-Head of Department, bhas-Sur Theuma il-Head Chef, ma ghandux dritt ikecci lill-impjegati, izda jirrakomandaw lil Management biex tittiehed decizjoni.

9. <u>Is-Sur Anthony Theuma Head Chef xehed</u>

a) Li t-Tlieta 24 ta' Marzu cemplitlu persuna, li qalet li kien hu Nicholas Cauchi, u staqsietu fi x'hin ghandu jidhol ghax-xoghol l-ghada u dan wara li ra li dik il-gurnata kien zamm wiehed iehor biex jahdem sa l-10.00 p.m. ghaliex Cauchi kien marid, irrisponda "split shift" 8.00 a.m. sa 12.00 a.m. u 6.00p.m. sa 10.00 p.m. (B'hekk bidel ir-roster originali minhabba li Cauchi kellu shifts differenti ghall-Hadd, it-Tnejn, u t-Tlieta, kien marid u kellu jdahhal ohrajn floku).

b) Meta dahal fl-12.30p.m. u sab lil Cauchi fuq il-post, u qallu li kellu jahdem "split shift", izda dan irrifjuta.

c) Qal lil Cauchi biex imur mieghu, u rrapporta l-kaz lid-duty manager, is-Sur Grech, fejn waqt argument Cauchi beda jitkellem hazin u hedded lis-Sur Theuma li "jsibu barra".

d) Meta dahal is-Sur Buttigieg, dan investiga l-kaz fl-ufficcju tieghu, fil-presenza tas-Sur Cauchi, Sur Theuma u s-Sur Grech fejn qam argument iehor, u meta s-Sur Buttigieg staqsa lil Cauchi jekk iridx jahdem split shift dan irrifjuta u qal "No. I do not want to work with the Chef. He cannot even fry an egg."

e) Is-Sur Theuma innega, li pprovoka b'xi kliem lil Nicholas Cauchi.

f) Is-Sur Theuma xehed ukoll li qatt ma kecca lil Cauchi mill-impieg tieghu, u jaf li m'ghandux awtorita' jkecci n-nies.

g) Is-Sur Theuma wissa kemm-il darba lil Cauchi biex jidhol fil-kcina bi hwejjeg indaf, izda dan ma kienx jisma.

10. <u>Is-Sur Henry Moran, Accounts Clerk, xehed</u>

a) Mill-ufficju tieghu, fil-25 ta' Marzu, hu kien sema' argument fl-ufficcju tas-Sur Buttigieg, fejn sema' lil Cauchi jinsulta lil Head Chef.

b) Meta, xi jiem wara, gie Cauchi ghac-certifikat tat-tmiem tal-impieg hu pprova jfittex lis-Sur Buttigieg jew lis-Sur Ian Decesare, il-Managing Director biex jigi gwidat kif ghandu jimla c-certifikat izda ma sab lil hadd minn dawn.

c) Peress li kien sema' l-argument tal-25 ta' Marzu hu ppresuma li Cauchi gie mkecci fuq "disciplinary action" u minn jeddu hekk kiteb fuq ic-certifikat.

/10. .....

d) Sar jaf izjed bil-kaz meta s-Sur Decesare staqsih ghaliex kien mela c-certifikat bhala "disciplinary action", u dan irrisponda li l-gurnata li kellu jimla c-certifikat ma setax isib la lilu u l-anqas lis-Sur Buttigieg u wara l-argument serju li kien sema' fil-25 ta' Marzu, u l-klien ta' Cauchi, ippretenda li dan ma kienx se jghaddija lixxa u ghalhekk ippresuma li t-tmien ta' l-impieg kien imhabba disciplinary action.

11. <u>Is-Sur Ian Decesare, Managing Director xehed</u>

a) Li rcieva ittra mill-labour office tas-6 t'April, li kienet tghid li Nicholas Cauchi allega li ma giex moghti discharge certificate u li din ghandha tigi mimlija u mibghuta lid-Dipa rtiment u li Cauchi allega li ma kienx gie mhallas ghall-ahhar gimgha li hadem. Huwa ghadda din l-ittra lil Mr Moran, l-accounts clerk, biex jirrispondiha li dan ghamel b'ittra datata 7 t'April, fejn qal li kien ga ta d-discharge certificate lil Nicholas Cauchi fejn dan juri d-disciplinary action li ttiehdet. L-ittra tghid ukoll li Cauchi gie mhallas u ma kellux jiehu izjed, u kien hemm mehmuz maghha l-wage sheet ta' Mr Cauchi.

b) Li wara xi jumejn, cemplu mill-Labour Office lilu personalment u qalulu li d-discharge certificate juri li gie "discharged" waqt li Cauchi kien qieghed jallega li ma kienx "discharged."

c) Li peress li sa dik il-gurnata ma kien jaf xejn fuq dan il-kaz hu sejjah lis-sur Buttigieg, li normalment kaz bhal dan jaqa' taht ir-responsabilta' tieghu, u dan spjegalu l-kaz fejn qal li Cauchi ma giex discharged imma telaq minn jeddu. Sa dik il-gurnata la hu u l-anqas is-Sur Buttigieg ma kienu jafu li s-Sur Moran kien mela c-certifikat fejn kien hemm miktub "discharged" imhabba "Disciplinary action".

d) Li wara li Henry Moran spjegalu l-kaz kif wasal biex jikteb "disciplinary action" huwa qal lis-Sur Buttigieg biex jikteb il-Labour Office u jispjega l-kaz sew, li dan ghamel b'zewg ittri datati 10 u 21 t'April fejn ikkonferma li Nicholas Cauchi ma riedx jahdem skond ir-roster, u minn jeddu telaq il-barra mill-lukanda.

12. <u>Sottomissjonijiet finali</u>

Ghall-appellant is-Sur John Camilleri, issottometta li t-Tribunal ghandu quddiemu zewg decizjonijiet:-

a) Jekk Nicholas Cauchi giex imkecci mill-impieg tieghu.

b) Jekk gie mkecci, l-kawza kienetx gusta.

Ghall-Eden Beach Hotel, is-Sur A. Buttigieg issottometta li Nicholas Cauchi telaq ix-xoghol minn jeddu, u qatt u minn hadd ma gie mkecci.

13. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

Il-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk Nicholas Cauchi giex imkecci minn fuq ix-xoghol jew telaqx minn jeddu.

Is-Sur Nicholas Cauchi jikkontendi li hu gie mkecci mill-Head Chef. Fix-xhieda tieghu hu jghid li la s-Sur Buttigieg u l-anqas is-Sur Grech ma keccewh.

Hu dehorlu, li la darba, qabel ma marad, ir-roster kien juri li l-gurnata ta' l-Erbgha 25 ta' Marzu hu kellu jidhol jahdem mis-7.00 a.m. sal-4.00p.m. dan ma kellux jinbidel, u ghalkemm gie nfurmat minn huh, li kellu jidhol fuq split shift, mit-8.00 a.m. sa 12.00a.m. u mis-6.00p.m. sa l-10.00 p.m. hu arbitrarjament dahal jahdem mis-7.00 a.m. bl-intenzjoni li jahdem sal-4.00 p.m.

/12. .....

Gie spjegat car, mis-Sur Buttigieg, u mis-Sur Theuma, u accettat ukoll mill-istess Cauchi, li meta xi hadd jimrad dan bil-fors jirrikjedi tibdiel fir-roster, biex l-esigenza tal-lukanda jigu milqugha u kif jghid l-appellant stess, fl-istatement tal-kaz tieghu hija forsi l-prerogattiva tal-Management li ntroduca l-hinijiet tax-xoghol.

It-Tribunal studja sewwa t-tqassim tal-hinijiet skond ir-rosters, mill-19 ta' Jannar sal-25 ta' Marzu id-data li qam l-incident, u ma sab xejn diskriminatorju kontra Cauchi. Is-Sur Cauchi gie mistoqsi biex jigbed l-attenzjoni tat-Tribunal jekk qatt kien hemm xi diskriminazzjoni kontra tieghu fit-tqassim tar-roster. Ir-risposta tieghu kienet li din kienet biss wara li marad, meta r-roster kien originalment juri x-shift tieghu mis-7.00 a.m. sal-4.00p.m. u dan gie mibdul ghal split shift.

It-Tribunal jidhirlu li dan ma kienx diskriminatorju, imma l-bidla giet ikkagunata mill-fatt li Cauchi ma setax jattendi ghax-xoghol ghal-tlett ijiem ta' qabel ghax kien marid. Din il-procedura giet affermata minn Cauchi stess kif insemmi hawn fuq.

It-Tribunal ukoll studja bl-akbar reqqa l-incident tal-25 ta' Marzu. Is-Sur Cauchi jammetti li ma giex imkecci la mis-Sur Buttigieg u l-anqas mis-Sur Grech, izda jallega li gie mkecci mill-Head Chef, is-Sur Theuma. Is-Sur Theuma, fix-xhieda tieghu jinnega li hu kecca lil Cauchi, u jaf li m'ghandux l-awtorita' li jaghmel dan, Il-fatt li s-Sur Theuma irrefera l-kaz l-ewwel lis-Sur Grech, id-Duty Manager, u mbaghad lis-Sur Buttigieg, id-Deputy Manager, jikkonferma dan.

Ghalkemm is-Sur Buttigieg talab lil Cauchi ghal hafna drabi, biex jahdem skond ir-roster, dan baqa' jirrifjuta sakemm telaq il-barra mill-lukanda u ma marx izjed ghax-xoghol.

/13. .....

It-Tribunal ukoll bl-ikbar reqqa, ezamina l-kaz l-ghala s-Sur Henry Moran, l-accounts clerk tal-Eden Beach Hotel meta mela l-formola tat-termination of employment huwa kiteb bhala raguni "disciplinary action".

Wara x-xhieda tas-Sur Ian Decesare, is-Sur Buttigieg u l-istess s-Sur Henry Moran, it-Tribunal hu sodisfatt li l-kliem "Disciplinary action" gie miktub mis-Sur Moran fuq supposizzjoni tieghu, li wara li sema' l-atteggjament tas-Sur Nicholas Cauchi, waqt l-argument tal-25 ta' Marzu u poress li kellu jimla l-formola f'hin meta ma setax isib is-superjuri tieghu biex jiggwidawh huwa minghajr intenzjoni hazina kiteb "Disciplinary Action".

14. Award

Fuq dawn il-fatti, hija d-decizjoni ta' dan it-Tribunal li s-Sur Nicholas Cauchi telaq ix-xoghol minn jeddu, u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda tkeccija mill-impieg.

It-Tribunal jordna li fuq ic-certifikat ta' tmiem ta' l-impieg, ir-raguni ghaliex spicca mix-xoghol ghandha tkun "telaq l-impieg minn jeddu".

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol hija mitmuma.

V. BORG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

24 ta' Settembru 1981.

em